*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,736, 21 ta' April, 2011*

*Taqsima B*

**A.L. 143 tal-2011**

# ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
# (KAP. 327)

## L-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Anglo-Italian Studies taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Istudji Anglo-Taljani bil-kollaborazzjoni tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Istudji Anglo-Taljani bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għal-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

### It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Anglo-Italian Studies taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Istudji Anglo-Taljani bil-kollaborazzjoni tal-Fakultà tal-Arti.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bordijiet tal-Istitut għall-Istudji Anglo-Taljani u tal-Fakultà tal-Arti;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Anglo-Italian Studies;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Anglo-Italian Studies; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

3. Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) il-grad ta' Bachelor fl-Ingliż jew fit-Taljan għall-anqas fit-Tieni Klassi (bl-Unuri) tal-Università ta' Malta; jew

(b) il-grad ta' Bachelor fl-Ingliż jew fit-Taljan għall-anqas f'Kategorija II, iżda l-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jtemmu programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 4.

**Il-Programm Preparatorju**

4. L-applikanti li m'għandhomx grad bl-Unuri u jidħlu skont il-paragrafu (b) tal-ordinament 3 ikunu meħtieġa jtemmu programm preparatorju, li jikkonsisti minn mhux anqas minn 30 krettu u mhux aktar minn 60 krettu kif indikat mill-Bord tal-Istudji, skont in-numru ta' kretti diġà miksuba f'dak il-qasam ta' studju, b'marka medja globali ta' 55% jew aħjar, qabel ir-reġistrazzjoni tagħhom bħala studenti regolari fil-Kors.

**It-Tul tal-Kors**

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju *part-time.*

**Il-Programm ta' Studju**

6. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu, li minnhom 30 krettu huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 60 krettu huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

**Il-Valutazzjoni u l-Progress**

7. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti għat-taqsimiet studju mgħallma jingħataw l-opportunità li joqgħodu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom matul is-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar minn 10 kretti jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

**Id-Dissertazzjoni**

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 50,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni jista' jsir wara l-approvazzjoni tal-proposta. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji fiż-żmien tas-sejħa tal-applikazzjonijiet.

9. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord tal-Istudji rapport dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fl-aħħar ta' kull semestru ta' studju, kemm jekk l-istudent qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* jew fuq bażi *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord tal-Istudji ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent**

10. Il- Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

**Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time***

11. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord tal-Istudji bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.